# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

**ONOR. IMHALLEF**
**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum it-Tnejn 9 ta` Mejju 2022**

**Kawza Nru. 4**

**Rikors Nru: 125/2016ISB**

**Executive Services Limited (C-6533)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment li permezz tieghu l-kumpannija **Executive Services Limited (C-6533)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Novembru 2020, u fejn kien ordnat l-istralc taghha.

Rat l-atti kollha tal-procediment ta` stralc, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mghoddija minn zmien ghal zmien mill-istralcarju kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti mizmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnhu mhejjija u ppresentati;

Rat l-ahhar rapport/rikors[1] minnhu mhejji minn fejn jirrizulta illi:

a) Saret l-ewwel laqgha tal-kredituri nhar l-Erbgha 2 ta' Gunju 2021;
b) Illi ghal din il-laqgha msejjha bil-pubblikazzjonijiet opportuni, attendew biss seba' kredituri, tlieta kienu skuzati, kreditur iehor baghat id-dokumenti qabel il-laqgha u zewg kredituri ohra baghtu d-dokumentazzjoni taghhom waqt il-laqgha, u dan minkejja illi jirrizulta illi l-ex-kontrollur specjali Dr Louis Cassar Pullicino kien identifika tlieta u hamsin kreditur;
c) Illi l-krediti kollha ppruvati gew accettati kif spjegat fl-iskeda A fir-rikors tal-istralcarju tas-17 ta' Novembru 2021;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2022, fejn gie revokat *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha tat-23 ta' Novembru 2021 u minn allura l-proceduri setghu jithallew ghall-odjern provvediment.

Rat illi l-istess stralcarju talab illi l-pjan ta' gradwazzjoni minnhu mhejji u kif dikjarat fir-rikors tieghu tas-17 ta' Novembru 2021 (Sekda B) jkun approvat ghal finijiet ta' skema ta' distribuzzjoni;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Frar 2022 fejn gie stabbilit l-ammont ta' remunerazzjoni ghall-istralcjarju;

Rat illi l-istralcarju ddikjara illi ghandu f'idejh is-somma ta' erba' u tletin elf, tmien mija u tnejn u ghoxrin Euro u tmienja u tletin centezmu (€34,822.38);

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess stralcjarju fis-sens illi dawn il-fondi jkopru u jaghmlu tajjeb biss sabiex jithallsu d-djun sar-raba' grad tal-lista ta' pregradwazzjoni Skeda B, u cioe`, (a) l-ispejjes tar-ricevitur ufficjali, (b) l-ispejjes tal-provvediment tal-Qorti, (c) ir-remunerazzjoni tar-ricevitur ufficjali u (d) il-Kummissarju tat-Taxxi;

Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-istralcjarju osserva l-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naha tal-istralcarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tieghu skond il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar ragjonevolment x'isir u b'hekk jista' jinghata l-provvediment finali.

---

[1] Tas-17 ta' Novembru 2021 (fol 224 et seq)

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi, qed tghaddi biex:

1. **Tapprova** l-pjan ta’ gradwazzjoni tad-djun tal-kumpannija **Executive Services Limited (C-6533)** kif dikjarat fir-rikors tal-istralcarju tas-17 ta’ Novembru 2021 – Skeda B hemmek prodotta u fit-termini minnhu dikjarati.

2. **Tehles** lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

3. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija Executive Services Limited (C-6533) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien sebat’ ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Executive Services Limited (C-6533).

6. **Tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dik l-ordni.

**Onor. Imhallef Dr Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**